MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 908/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Dr Yana Micallef Stafrace u l-P.L. Pauline Mallia li b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2014 ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà Speedy Station Limited (C23960), u Costantino u Monica miżżewġin Balzan [K.I. numri 607952 (M) u 577255 (M)]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Bank of Valletta p.l.c.** (minn issa 'il quddiem il-bank attur) ikkonfermat bil-ġurament ta' Joseph Caruana in rappreżentanza tal-istess bank attur, fejn ippremetta u għamel is-segwenti talbiet:

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa datat 6 ta' Lulju, 1999 (Dok. "A") is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lis-soċjetà Speedy Station Limited;*

*2. Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-intimati fis-somma ta' mija u wieħed u ħamsin elf, tmin mija u ħamsa u għoxrin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€151,825.77) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-soċjetà Speedy Station Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u Dok "C1 sa C3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-17 ta' Lulju, 2014 sad-data tal-effettiv pagament;*

*3. Illi permezz ta' kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa datat 6 ta' Lulju, 1999 (Dok. "A") u permezz ta' tliet skritturi privati datati 9 ta' Marzu, 1999, 5 ta' Mejju, 2000 u 3 ta' Ottubru, 2000 (Dok "D", "E" u "F" rispettivament), il-konvenuti Costantino u Monica miżżewġin Balzan iggarantew flimkien u "in solidum" ma' Speedy Station Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Speedy Station Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' sebgħa u disgħin elf, tmin mija u erbgħa u tletin Ewro (€97,834.00);*

*4. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokumenti "A", "D", "E" u "F"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:*

> *(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew,*
>
> *(ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

*5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*6. Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' żewġ ittri uffiċjali 29 ta' April, 2011 li kopja tagħhom qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. "G" u "H", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument "A", "D", "E" u "F") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipprerikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;*
2. *Tikkundanna lill-kuraturi deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà Speedy Station Limited iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u wieħed u ħamsin elf, tmin mija u ħamsa u għoxrin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€151,825.77) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-soċjetà Speedy Station Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u Dok. "C1 sa C3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-17 ta' Lulju, 2014 sad-data tal-effettiv pagament, u*
3. *Tikkundanna lill-konvenuti Costantino u Monica miżżewġin Balzan jħallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sebgħa u disgħin elf, tmin mija u erbgħa u tletin Ewro (€97,834.00) bilanċ minn somma akbar għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-soċjetà Speedy Station Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u Dok "C1 sa C3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2010 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali datati 29 ta' April, 2011 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li ġew ippreżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta tal-avukat Yana Micallef Stafrace u tal-PL Pauline Mallia bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà konvenuta Speedy Station Limited fejn wieġbu li mhumiex edotti mill-fatti.

Rat illi l-konvenuti Costantino u Monica miżżewġin Balzan għalkemm debitament notifikati naqsu li jippreżentaw risposta maħlufa u għalhekk huma kontumaċi.

Semgħet bil-ġurament lil Rose Corti, Litigation Officer mal-Bank of Valletta p.l.c. li xehdet li mid-data tal-preżentata tar-Rikors Maħluf ma sar l-ebda depożitu u li l-ammont għadu kollu dovut.

Semgħet lill-avukat tal-bank attur.

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ġustifikati.

Fil-kontumaċja tal-konvenuti Costantino u Monica miżżewġin Balzan taqta' u tiddeċiedi billi:

**<u>Decide</u>**

**Tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tal-bank attur u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Speedy Station Limited bħala d-debitur prinċipali tħallas lill-bank attur is-somma ta' mija u wieħed u ħamsin elf, tmin mija u ħamsa u għoxrin euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€151,825.77) flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-17 ta' Lulju, 2014 sal-jum tal-pagament effettiv u**

**tiddikjara l-konvenuti Costantino u Monica miżżewġin Balzan, bħala garanti, responsabbli *in solidum* mas-soċjetà konvenuta Speedy Station Limited għall-ħlas tad-dejn inkwistjoni iżda biss sal-valur ta' sebgħa u disgħin elf, tmin mija u erbgħa u tletin euro (€97,834.00) u għalhekk tikkundanna lill-istess konvenuti konjugi Costantino u Monica miżżewġin Balzan flimkien u *in solidum* bejniethom u mad-debitur prinċipali, iħallsu lill-bank attur is-somma ta' sebgħa u disgħin elf, tmin mija u erbgħa u tletin euro (€97,834.00), flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2010 sal-jum tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija**

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------